# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 18**

**Appell numru: 816/08SM**

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Lennie Caruana**

**v.**

**Kenneth Grech**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-konvenut Kenneth Grech minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fl-4 ta' Diċembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet li sejrin jissemmew aktar 'il quddiem, laqgħet it-talbiet tal-kumpannija attriċi

asskuratriċi, fil-kwalità tagħha premessa, billi sabet li l-istess konvenut appellant waħdu kien jaħti għall-ħabta li ġrat fuq il-baħar fil-qala tal-"*Ħofra l-Kbira*" qrib Delimara fis-27 ta' Awwissu, 2006, bejn l-i*speed-boat* bl-isem ta' "*Chaudron 22*" reġistrata bin-numru S – 1482 misjuqa minnu u d-*dinghy* reġistrat bin-numru 16869 misjuq minn sidha l-assikurat Lennie Caruana; illikwidat id-danni mġarrba mill-assikurat tal-kumpannija appellata fis-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u ħamsa u sebgħin euro u ħames ċenteżmi (€ 14,675.05); ikkundannat lill-appellant iħallsa dik is-somma hekk likwidata lill-kumpannija appellata, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet b'seħħ mis-7 ta' Awwissu, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv;

2. L-ewwel Qorti kienet waslet għal dik id-deċiżjoni wara li qieset li:

> "*10.0. Illi l-fatti li taw lok għall-proċedura odjerna jistgħu jiġu sintetikament esposti bil-mod segwenti:*
>
> *"10.1. Illi għall-ħabta ta' l-erbgħa u nofs ta' wara nofs inhar, (4:30pm), tas-27 t'Awwissu, 2006, fil-"Ħofra l-Kbira", limiti ta' Delimara, seħħet kolliżoni marittima bejn speed boat tal-marka Chaudron bin-numru S – 4182 misjuqa mill-intimat Grech u dinghy bin-numru S – 16869 misjuq u proprjeta` ta' Lennie Caruana;*
>
> *"10.2. Illi fil-mument tal-kolliżjoni l-bajja fejn seħħ l-inċident de quo kienet mimlija dgħajjes weqfin aktar 'il ġewwa qrib l-art;*
>
> *"10.3. Illi fil-mument tal-inċident Caruana li kien qed jikkonduċi d-dinghy kien qiegħed jipprepara biex jitrakka;*
>
> *"10.4. Illi Caruana kien għalhekk qed isuq bil-mod, b'wieħed miż-żewġ passiġġieri li kellu kien qed jipprepara biex jitfa' l-ankra;*

*"10.5. Illi proprju f'dak il-mument indikat fil-paragrafu preċedenti instemgħet għajta għal kawtela u x-Chaudron tidħol fuq id-dinghy minn naħa tal-lemin – "star board side";*

*"10.6. Illi konsegwenza tal-istess impatt il-passiġġier tad-dinghy li kien qed jipprepara l-ankra u ż-żewġ (2) passiġġiera l-oħra spiċċaw il-baħar u d-dinghy ġarrbet il-ħsarat sussegwentement riskontrati;*

*"10.7. Illi wara dan l-impatt ix-Chaudron baqgħet ħierġa 'l barra mill-bajja;*

*"10.8. Illi l-konduċent tad-dinghy – Caruana – kien assikurat mas-soċjeta` rikorrenti, li wara kkonduċiet l-eżamijiet kollha neċessarji ħallset is-somma ta' danni kontestati* [*recte: konstatati*] *mis-surveyor tagħha kif indikat qabel, (ara paragrafu numru wieħed punt erbgħa, (1.4), aktar qabel);*

*"10.9. Illi s-saħħa tal-impatt tad-dgħajsa Chaudron mad-dinghy in diżamina li spiċċa biex rema' l-baħar lit-tlett (3) okkupanti tad-dinghy jittradixxi veloċita` eċċessiva – tenut kont tal-fatt li d-dgħajjes de quo kienu anke pjuttost qrib ix-xatt;*

*"10.10. Illi ma jirriżultax li kien hemm xi ostakoli viżwali li kienu qed jimpedixxu l-vista tal-konduċent tax-Chaudron, l-intimat Grech;*

*"Ikkunsidrat:*

*"11.0. Illi sintetikament l-intimat Grech isostni s-segwenti:*

*"11.1. Illi fil-ħin tal-inċident kien qed ifittex post minn fejn seta' jinżel l-art biex jarma kamp ma' sħabu;*

*"11.2. Illi għalhekk, u għaliex kien hemm ħafna dgħajjes u ħafna nies jgħumu, isostni li kien qed isuq "bil-mod ħafna", (ara fol 106);*

*"11.3. Illi f'mument minnhom ra dinghy riesqa lejh b'veloċita` qawwija u ma setax jevitah, (ara fol 107);*

*"11.4. Illi di piu`, il-konduċent tad-dinghy kien qed iħares lura għalkemm kien miexi 'l quddiem u b'hekk seħħ l-inċident de quo;*

*"Ikkunsidrat:*

*"12. Illi nonostante l-verżjoni kontradittorja fuq sintetikament riprodotti, l-verżjoni tal-intimat ma tirriżultax korraborata u għalhekk din il-qorti ma tistax tistrieħ fuqha stante li unsafe;*

*"Ikkunsidrat:*

*"13.0. Illi rigward id-danni tad-dinghy kif elenkati mis-surveyor ex parte involut jingħad sintetikament is-segwenti:*

*"13.1. Illi preliminarjament jingħad li "survey" konġunt propost ma sarx b'nuqqas tas-soċjeta` assikuratriċi tal-intimat u konsegwentement kienu redatti żewġ (2) "surveys" wieħed mis-soċjeta` rikorrenti u ieħor mis-soċjeta` assikuratriċi tal-intimat;*

*"13.2. Illi mill-eżamijiet fiżiċi tad-dgħajjaes involuti fl-inċident in diżamina ġie stabbilit li d-dinghy kienet id-dgħajsa li ssubiet id-daqqa tal-kolliżjoni in diżmaina u kważi spiċċat "total loss";*

*"13.3. Illi peress li d-dinghy kien ilu jintuża biss xahar, (ara fol 181), id-dinghy kien għadu ġdid u l-valur ta' sitt elef u tlett mitt Lira Maltin, (LM6,300.00), kien dikjarat bħala l-ammont ta' danni subiti minn Caruana stante li s-soċjeta` assikuratriċi iddikjarata "total loss" u ma kienx vijabbli li jiġi msewwi;*

*"Ikkunsidrat:*

*"14.0. Illi di piu`, issir referenza għas-segwenti indikazzjonijiet prodotta fil-konklużjoni tar-relazzjoni ex parte prodotta mill-Inginier Paul L. Cardona u s-surveyor Joseph Briffa: (ara fol 113);*

*"14.1. "The insured stated that while he was crossing the bay, his speed boat was hit by a dinghy that was entering the bay";*

*"14.2. "Now it is to be noted that the rules of the road – otherwise known as the International Regulation for Preventing Collisions at Sea – are designed to cover every type of confrontation between sea-going vessels, regardless of size, speed and purpose";*

> *"14.2.1***. Crossing situations are covered by Rule 15***:*
>
> *"14.2.1.i. "When two power-boats are crossing, the vessel which has the other on its starboard side shall keep out of its way";*
>
> *14.2.2. "***Action to be taken by the give-way vessel*** is laid down by Rule 16:*
>
> *14.2.2.i. "Every vessel taking avoiding action shall do so in plenty of time and keep well clear";*

*"14.3. "In this particular case the speed boat was on the starboard side of the dinghy. Therefore, the dinghy owner had the obligation to give way and take the necessary action to avoid the collision", (ara fol 113);*

*"Ikkonsidrat:*

*"15. Illi fid-dawl tar-regolament riferit mill-inġinier u s-surveyor riferit fil-paragrafu preċedenti għandu jingħad li s-sitwazzjoni li inħolqot fid-dinamika riskontrata mhix dik sempliċistika rilevata mill-istess inġinier u surveyor in diżamina;*

*"16. Illi fid-dinamika riskontrata ma jirriżultax li ż-żewg (2) dgħajjes involuti kienu mixjin fit-tul u parallalament għal xulxin, iżda riedu jaqsmu triq xulxin;*

*"17. Illi li jirriżulta minflok kien li d-dinghy kien qed jipprepara biex jieqaf u jitfa' l-ankra waqt li ix-Chaudron kien qiegħed jinstaq b'veloċita` eċċessiva f'area mimlija dgħajjes u nies jgħumu;*

*"18. Illi konsegwentement qed tirrespinġi l-konklużjonijiet tal-imsemmija inġinier u surveyor fuq riferiti;*

*"Ikkonsidrat:*

*"19.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-soċjeta` rikorrenti ipprovat il-każ tagħha skont il-liġi, inkluż is-surroga de quo, (ara fol 6), fid-drittijiet tal-assikurat tagħha u d-danni sofferti mill-istess li għamlet tajjeb għalihom l-istess soċjeta` rikorrenti u konsegwentement, filwaqt li tirrespinġi r-risposti tal-intimat Kenneth Grech, takkolji t-talbiet kollha tas-soċjeta` rikorrenti*";

3. B'Rikors tal-Appell imressaq fit-23 ta' Diċembru, 2013, l-appellant qal li ħassu aggravat mill-imsemmija sentenza għal żewġ raġunijiet, u talab li din il-Qorti tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-4 ta' Diċembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija u tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u biex tiċħad it-talbiet tal-kumpannija attriċi appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

4. Il-kumpannija appellata ma ressqitx Tweġiba għar-Rikors tal-Appell tal-appellant;

5. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-20 ta' Novembru, 2018, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

7. Illi l-appellant jibni l-appell tiegħu mill-imsemmija sentenza fuq żewġ aggravji. Bl-ewwel aggravju tiegħu huwa jikkontesta s-sejbien ta' ħtija mill-ewwel Qorti u jgħid li ma kellhiex issibu ħati tal-ħabta, jew, fl-agħar ipoteżi, ma setgħetx issibu ħati waħdu. Bl-istess aggravju, jgħid li l-ewwel Qorti ma fissritx kif jixraq ir-Regolamenti Internazzjonali applikabbli u li għandhom is-saħħa ta' liġi. Bit-tieni aggravju, l-appellant jgħid li l-kumpannija attriċi appellata ma seħħilhiex tipprova d-danni li qiegħda tippretendi u li l-ewwel Qorti ikkundannatu jħallasha;

8. Il-Qorti sejra tqis iż-żewġ aggravji fl-ordni li tqajmu;

9. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, l-appellant jilminta li l-ewwel Qorti sabet favur il-verżjoni tal-assikurat tal-kumpannija appellata

għaliex dehrilha li dik il-verżjoni kienet waħda 'korroborata' filwaqt li qieset li l-verżjoni tiegħu ma kenitx. B'mod partikolari, huwa jgħid li l-ewwel Qorti "ma segwietx prinċipji stabbiliti ta' kif wieħed għandu jiżen il-provi, partikolarment meta dawn jidhru kontradittorji". Huwa jqis li l-ewwel Qorti kellha quddiemha provi fl-atti tal-kawża li juru li l-i*speed boat* kienet qiegħda titmexxa bil-mod biex tfittex post fejn l-appellant seta' jsorġi ħalli jinżel l-art u jħejji l-kamp għalih u għal sħabu. Min-naħa l-oħra, dik il-Qorti kellha wkoll provi li juru li d-*dinghy* misjuq mill-assikurat tal-appellata kien dieħel fil-bajja b'veloċità kbira min-naħa ta' barra flimkien ma' żewġ opri tal-baħar oħrajn li kienu jagħtu 'l wieħed x'jifhem li kienu qegħdin itellqu mad-*dinghy*, bl-assikurat iħares lura minflok lejn id-direzzjoni li kien sejjer fiha;

10. Illi l-Qorti tagħraf li l-appellant jiċċara li dan l-aggravju tiegħu mhuwiex – kif sostniet l-għaref difensur tal-kumpannija appellata fit-trattazzjoni tagħha quddiem din il-Qorti – stedina biex din il-Qorti terġa' tagħmel mill-ġdid apprezzament tal-fatti. Kemm-il darba ngħad li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mibni fuq il-fatti proċesswali. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) m'ilux qalet li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa*

*fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[1];

11. Illi b'żieda ma' dan, f'każ fejn qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, ingħad li huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[2] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti

[1] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[2] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***

attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[3] Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[4] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[5];

12. Illi daqstant ieħor huwa miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[6] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[7] Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[8];

13. Huwa magħruf ukoll li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli[9]. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu

[3] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[4] Art. 562 tal-Kap 12
[5] Art. 559 tal-Kap 12
[6] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[7] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***
[8] Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri vs Michael Calleja***(mhix appellata)
[9] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***

jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[10]. Fuq kollox, dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verità, il-verità kollha, u xejn anqas minn dik il-verità kollha*"[11];

14. Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-

[10] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[11] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***

verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet[12];

15. L-appellant jisħaq li l-mod ta' kif ġrat il-ħabta jagħti raġun lill-verżjoni tiegħu u li l-provi li jinsabu fl-atti tal-kawża javallaw tali teżi. B'mod partikolari, huwa jsemmi l-verżjoni dejjem konsistenti tiegħu ta' kif ġrat il-ħabta sa minn meta ta t-tagħrif lill-Pulizija u baqa' jixhed dejjem l-istess quddiem l-ewwel Qorti; għall-kuntrarju tal-assikurat Caruana, li, skond l-appellant, matul is-smigħ tal-kawża bidel il-verżjonijiet tiegħu ta' kif seħħet il-ħabta jew li ta verżjoni li saħansitra ma kinitx taqbel ma' dik mogħtija minn min kien riekeb fuq id-*dinghy* miegħu;

16. Il-Qorti għarblet b'reqqa l-provi li jinsabu fl-atti tal-kawża u, filwaqt li tabilħaqq tara li l-verżjonijiet tal-appellant u tal-assikurat Caruana ma jaqblux ma' xulxin, issib li dan l-aggravju tal-aċċettazzjoni ta' liema verżjoni messha twemmnet mill-ewwel Qorti ma huwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, mill-atti tal-kawża joħorġu provi li jagħtu kredibilità lill-verżjoni tal-assikurat Caruana u li fuqhom il-kumpannija assikuratriċi appellata kienet f'qagħda li tagħmel ġudizzju ċar dwar jekk kellhiex tilqa' l-*claim* tiegħu taħt il-polza. B'mod partikolari, din il-Qorti qieset il-provi dokumentali li juru ċirkostanzi preċiżi li jixhdu d-dinamika tal-ħabta,

[12] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea vs Ġużeppi Galea*** (mhix appellata)

bħalma huma l-għamla u l-entità ta' ħsarat imġarrba f'kull waħda mill-opri tal-baħar involuti fil-ħabta, l-imġiba tal-partijiet rispettivi wara l-ħabta u l-kostatazzjonijiet magħmulin mis-*surveyors* imqabbdin minnhom. Minn din il-ġabra ta' provi, din il-Qorti tasal għall-fehma li r-raġunament magħmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata biex bih għażlet li toqgħod fuq verżjoni minflok oħra tal-partijiet kien wieħed plawsibbli daqskemm raġonevoli. Fit-tieni lok, din il-Qorti tqis ukoll li, lil hinn mill-aspett suġġettiv tal-verżjonijiet mogħtija mill-assikurat u mill-appellant, iċ-ċirkostanzi probatorji li kemm l-ewwel Qorti u kemm din identifikaw bħala rilevanti għad-determinazzjoni tal-ħtija għall-ħabta kienu ċirkostanzi oġġettivi li jsejsu r-razjoċinju mwettaq fis-sentenza appellata. Fit-tielet lok, il-fatt li d-dgħajsa misjuqa mill-appellant seta' kellha d-dritta fuq id-*dinghy* misjuq mill-assikurat, ma kienx ifisser li l-appellant kien meħlus milli jara li l-ħabta ma ssirx, għalkemm kienet titfa' grad ta' responsabbiltà ogħla fuq Caruana. Fir-raba' lok, l-imsemmija elementi probatorji lanqas ma jissufragaw l-aggravju tal-appellant li, fl-agħar ipoteżi, l-ewwel Qorti messha sabet ħtija fiż-żewġ baħħara: dawk l-elementi juru ħaġa waħda li tispikka, u jiġifieri li kienet l-opra tal-baħar misjuqa mill-appellant li baqgħet dieħla f'dik misjuqa mill-assikurat, u li kien l-appellant innifsu li xehed li, minkejja kull tentattiv tiegħu, ma seħħlux jevita l-ħabta, liema stqarrija tindika li ma kellux kontroll tad-dgħajsa qawwija li kien qed isuq;

17. Illi lil hinn minn dan, l-aggravju tal-appellant ma jżid xejn aktar ma' dak li huwa kien diġà ssottometta lill-ewwel Qorti fl-istadju xieraq tal-kawża u wara li nġabru l-provi kollha u li din il-Qorti għandha għaliex tifhem li l-istess imsemmija Qorti qieset qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

18. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aspett tal-ewwel aggravju tal-appellant, huwa jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx tifsira xierqa tar-regolamenti internazzjonali tal-baħar li jgħoddu għal opri tal-baħar bħalma kellhom il-partijiet taħt il-kontroll tagħhom x'ħin ġrat il-ħabta. L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti skartat bla ebda raġuni l-fehma ta' żewġ *surveyors* imqabbdin mill-assikuratriċi tiegħu, meta l-imsemmija regolamenti għandhom is-saħħa ta' liġi f'Malta u meta t-tħaddim xieraq tagħhom kien jiddetermina l-ħtija ta' min kien involut fil-ħabta;

19. Il-Qorti trid tqis din il-parti tal-ewwel aggravju b'rabta ma' dak li ngħad dwar l-ewwel parti tal-ewwel aggravju. It-tħaddim ta' dawk ir-regolamenti[13] jrid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi partikolari li jiddeterminaw id-dinamika tal-ħabta mertu tal-każ. Irid jingħad ukoll li, ladarba kif sewwa jgħid l-appellant (fis-sewwa, dan jgħiduh ir-

[13] Inkorporati fil-liġi Maltija bis-saħħa tal-A.L. 340 tal-2003 (L.S. 234.20)

Regolamenti nfushom[14]), l-imsemmija Regolamenti huma parti mil-liġi ordinarja u għandhom saħħa eżekuttiva u jgħoddu għall-bastimenti kollha Maltin jew dawk li jkunu qegħdin ibaħħru fl-ibħra Maltin, it-tifsir u l-applikazzjoni tal-imsemmija Regolamenti taqa' fl-eżerċizzju tal-Qrati. Għalhekk, l-aggravju tal-appellant li l-ewwel Qorti għażlet li ma timxix mal-fehma taż-żewġ *surveyors ex parte* fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni tar-Regolamenti kif fehmuhom huma ma huwiex raġuni tajba biex din il-Qorti ssb li l-ewwel Qorti naqset fl-apprezzament xieraq u t-tħaddim korret tal-liġi fir-rigward. Il-fehma tal-imsemmija *surveyors* – li ma kinux imqabbda mill-ewwel Qorti bħala esperti tekniċi – dwar l-interpretazzjoni tal-liġi, ma setgħet torbot qatt idejn dik il-Qorti dwar kif tfissirhom hi u, aktar importanti, kif tapplikahom għad-dinamika partikolari tal-inċident li kellha tiddeċiedi dwaru. Din il-Qorti ssib li, fil-qafas tar-raġunament li wassal lill-ewwel Qorti ssib favur il-verżjoni tal-assikurat, l-applikazzjoni tar-Regolamenti ma setgħetx saret mod ieħor u l-ewwel Qorti għamlitha ċara li ma kinitx qiegħda toqgħod fuq dik il-fehma għaliex rat li d-dinamika tal-ħabta kienet mod ieħor minn kif ippreżentawha l-istess *surveyors*;

20. Illi minħabba f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, fl-ebda parti minnu, u mhuwiex sejjer jintlaqa';

---

[14] Ara reg. 3(1) tal-*Prevention of Collisions Regulations 2003* (inħarġu fil-verżjoni ingliża biss)

21. Ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, se tqis it-tieni aggravju tiegħu. Fit-tieni aggravju, l-appellant jgħid li l-likwidazzjoni tad-danni li waslet għaliha l-ewwel Qorti ma kinitx tajba. Huwa jgħid li l-kumpannija appellata ma seħħilhiex tipprova kif imiss id-dannu mġarrab mill-assikurat tagħha u qagħdet biss fuq dikjarazzjoni tiegħu bla ma wettqet il-verifiki meħtieġa qabel ma ħallsitu taħt il-polza ta' assikurazzjoni fis-seħħ. Iżid jgħid ukoll li, minkejja li s-*surveyor* imqabbad mill-kumpannija appellata wasal għall-fehma li ma kienet saret l-ebda ħsara fl-*outboard motor* tad-*dinghy* tal-assikurat tagħha, hija ikkumpensatu ta' dan ukoll. Fit-tielet lok, jgħid li l-ewwel Qorti ma qisitx il-fatt li wara li l-appellata ikkumpensat lill-assikurat tagħha, hija ħadet id-*dinghy* fil-kundizzjoni li kien jinsab fiha, u seħħilha tbiegħu lil terza persuna u tħallset is-somma li llum iġġib tlitt elef erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€ 3,494.06[15]);

22. Il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa tajjeb f'parti minnu. Tibda biex tgħid li, flimkien mal-ġustifikazzjoni li l-appellata ma għamlet l-ebda żball li aċċettat li l-assikurat tagħha Lenny Caruana ma kienx jaħti għall-ħabta, il-valur li tiegħu hija ikkumpensatu kien dak li dwaru d-*dinghy* kien assikurat[16]. Ikkumpensatu l-valur sħiħ assikurat minħabba li kien *dinghy* li nxtara bi ġdid ftit jiem qabel il-ħabta u ftit jiem wara li kienet assikuratu,

[15] Mix-xhieda ta' Jeffrey Scorey, f'paġ. 22 tal-proċess ħareġ li Elmo biegħet id-*dinghy* għal Lm 1,500 lil wieħed Andrew Cassar f'Ottubru tal-2006 (ara Dok "JC1", f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess)
[16] Ara d-Dok "JC1", f'paġ. 28 tal-proċess

u minħabba li s-*surveyor* imqabbad minnha kien wasal għall-fehma li ma kienx jagħmel sens li d-*dinghy* jissewwa minħabba l-ħsarat estensivi li kien ġarrab bid-daqqa li qala'. Fuq kollox, jekk wieħed jifli sewwa l-provi dokumentali, għandu jirriżulta li l-kumpens imħallas lill-assikurat Caruana kien ikopri l-valur assikurat tad-*dinghy*. Minħabba ż-żmien qasir li għadda bejn meta nxtara d-*dinghy* u meta seħħet il-ħabta, ma setax laħaq daħal xi deprezzament konsistenti. Meta nħarġet il-polza ta' assikurazzjoni, id-*dinghy* kien stmat valur speċifiku u partikolari (sewwasew dak li l-appellata ikkumpensat lill-assikurat tagħha bih) u l-*outboard* kien stmat valur ieħor li l-appellata ma ikkumpensat bl-ebda mod lill-assikura tagħha dwaru. Hekk ukoll ħareġ mix-xhieda mismugħa fil-kawża[17]. Mela, l-aggravju tal-appellant dwar din il-likwidazzjoni huwa kontradett mill-atti tal-kawża;

23. Madankollu, l-appellant għandu raġun jilmenta li l-ewwel Qorti ma qisitx li l-appellata kienet ġabret parti mill-kumpens li ħallset lill-assikurat tagħha meta biegħet id-*dinghy* lil terza persuna. Huwa prinċipju aċċettat li, fil-qasam tad-danni, il-parti mġarrba tagħmel dak li tista' biex tnaqqas jew ittaffi d-dannu. B'żieda ma' dan, ma jixraqx li l-parti mġarrba tingħata kumpens ta' xi telf li tiegħu tkun ġabet ħlas jew kumpens mod ieħor. Hekk ġara f'dan il-każ. Il-kumpannija appellata, wara li ikkumpensat lill-assikurat tagħha, żammet id-*dinghy* u biegħetu. Dak li

[17] Ara x-xhieda ta' Vincent Muscat, fil-kontro-eżami, f'paġ. 46 tal-proċess

daħħlet mill-imsemmi bejgħ ma tistax tippretendih mill-appellant ukoll sempliċement għax instab li jaħti għall-ħabta. Jekk ikollu jsir hekk, il-kumpannija appellata kienet tkun qiegħda tistagħna bi ħsara tal-istess appellant. Għalhekk, mill-ammont likwidat mill-ewwel Qorti jrid jitnaqqas l-ammont li l-kumpannija appellata seħħilha tiġbor bil-bejgħ tad-*dinghy*. Dan iġib li l-ammont li l-appellant irid iħallas jitla' għal ħdax-il elf mija u wieħed u tmenin euro (€ 11,181);

24. Fid-dawl ta' din l-aħħar kunsiderazzjoni, il-Qorti ssib li din il-parti tat-tieni aggravju hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

**Decide:**

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' limitatament l-appell** imressaq mill-intimat appellant mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Diċembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tirriformaha kif ġej: tikkonfermaha safejn sabet li l-appellant waħdu kien jaħti għall-ħabta li seħħet fuq il-baħar fis-27 ta' Awwissu, 2006; u tħassarha fejn illikwidat is-somma hemm imsemmija bħala danni dovuti lill-kumpannija assikuratriċi appellata billi, minflok, tillikwida l-ammont ta' danni mġarrba u li l-

appellant għandu jħallas lill-istess appellata fis-somma ta' ħdax-il elf mija u wieħed u tmenin euro (€ 11,181), flimkien mal-imgħaxijiet kif determinati fis-sentenza appellata;

26. Għall-finijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** fiż-żewġ istanzi jitħallsu kwantu għal tlieta minn erba' partijiet ($^3/_4$) mill-appellant, u parti minn erbgħa ($^1/_4$) mill-kumpannija appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr